**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA TAT-28 ta' Gunju, 2001**.

Citazzjoni Numru 985/01

Public Broadcasting Services Limited

Vs.

Frontline Marketing & Communications Limited

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' elfejn erba' mija u tnejn u tmenin l ira Maltin u erba' u tletin centezmu (Lm2,482.34), rapprezentanti servizzi ta' reklamar esegwiti mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta u kopja ta' l-istatement qeghda tigi hawn annessa w immarkata Dokument. 1;

Illi ghalkemm debitament interpellata sabiex is-socjeta konvenuta thallas dan l-ammont hija baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artikoli l67-l70 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti qeghdha

tannetti ma dan l-att affidavit immarkat Dok A a tenur ta' l-istess artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli l67-l70 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn erba' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm2,482.34) rapprezentanti servizzi ta' reklamar esegwiti mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes ta' din il-procedura inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' April, 2001 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma dheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher wkoll li hem lok li s-sentenza tinghata

llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-inghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur